MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Numru 1117/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**
**VS**
**GEORGE VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat George Vella, ta’ 31 sena, iben Spiridione u Emanuela nee’ Farrugia, imwield Pieta’ fl-4 ta’ Gunju, 1974, residenti Flat 2, Blokk 2, Tarag it-Tarznari Antiki, Bormla u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 295674(M).

Illi huwa akkuzat talli fis-26 ta’ Settembru, 2005, f’xi hin bejn it-8a.m. u d-9:45p.m., mill-fond Flat 6, Blokk A, Queen Elizabeth Flats, Triq Gort, Paceville, limiti ta’ San Giljan:

1) Ikkommetta serq ta’ flus u oggetti ohra ghad-dannu ta’ Simon Lee Jackson liema serq huwa aggravat bil-mezz ai termini ta’ l-Artikolu 263(a) tal-Kapitolu 9, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin u bil-lok ai termini ta’ l-Artikoli 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2) Volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin, izda izjed minn ghaxra liri Maltin, ai termini ta’ l-Artikolu 325(1) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghad-dannu ta’ l-istess Simon Lee Jackson;
3) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijie ta’ Malta wara li nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.41) taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat;

Rat il-Verbal tan-20 ta’ Novembru 2007, fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi ggudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni fis-seduta tat-30 ta’ April 2009 ta’ l-imputat;

Semghet l-istess konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti tat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat George Vella, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 261 (b) (c) (e), 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279, 280, 281, 325 (1) (c), 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali ta' l-imputat li hija wahda rafrettarja u turi illi l-Qrati Maltin taw diversi opportunitajiet lill-imputat sabiex jirriforma ruhu anke sabiex jirrijabilita' ruhu kontra dipendenza fuq sustanzi legali izda dan kollu sar inutilment u ghaldaqstant il-Qorti ma tarax li ghandha alternattiva ohra ghajr li tinfliggi piena karcerarja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------